# ĊIRKULARI

**Data: 4 ta' Diċembru 2020** **Ref: DDLTS 49/2020**

**Għal: Kapijiet tal-Iskejjel Medji u Sekondarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn: Is-Sur Omar Seguna – Uffiċċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett: Servizz ġdid ta' FAQ dwar l-użu tal-Microsoft Teams u għodda diġitali oħra**

---

Id-Direttorat tal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Trasversali qed jestendi l-mod tiegħu kif iwassal l-għajnuna tiegħu billi introduċa servizz ta' FAQ mgħammar b'vidjows ta' taħriġ għall-Iskejjel Medji u Sekondarji. Dan huwa ovvjament minbarra s-sapport b'mod remot regolari u kontinwu li qegħdin nipprovdu. Dan is-servizz il-ġdid huwa disponibbli mis-sit elettroniku:

http://digitalliteracy.skola.edu.mt/dlts-secondary

Is-servizz huwa bbażat fuq il-format ta' mistoqsija u tweġiba, fejn l-edukaturi, l-ġenituri u l-istudenti jistgħu jsibu soluzzjonijiet għad-diffikultajiet tagħhom fl-użu tal-Office 365 u għodod edukattivi oħra.

Bħalissa għandna aktar minn 50 vidjow li jikkonsistu minn:

a) Vidjows ta' taħriġ għall-ġenituri/dawk li jieħdu ħsieb it-tfal u l-istudenti dwar kif jużaw Microsoft Teams u għodod oħra tal-Office 365

b) Vidjows ta' taħriġ għall-edukaturi dwar kif jassenjaw xogħol għad-dar, joħolqu *standad* u *private channels* u jagħmlu lezzjonijiet onlajn.

c) Vidjows ta' taħriġ dwar l-użu ta' *Class Notebook* u għodod edukattivi oħra bħal *Educaplay.*

Il-Kapijiet tal-iskejjel huma mitluba li jiddiseminaw din l-informazzjoni kemm mal-istaff kif ukoll mal-istudenti.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**